MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 3322/1996/1

Lydia **BUTTIĠIEĠ**

vs

Paul **CHETCUTI**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-26 ta' Novembru, 1996, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attriċi talbet li l-Qorti tħassar uħud mill-klawsoli tal-kuntratt ta' firda personali li l-partijiet għamlu fl-24 ta' Frar, 1993, u tagħti lilha l-kura u l-kustodja ta' bintha minuri Tamara minflok lill-imħarrek, u talbet ukoll biex l-imħarrek iħallasha dik ir-retta ta' manteniment għall-imsemmija minuri skond il-ħtiġijiet tal-istess tifla u l-meżżi tal-partijiet. Talbet ukoll il-kundanna tal-imħarrek għall-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fit-13 ta' Mejju, 1998, li biha l-imħarrek Paul Chetcuti laqa' għall-azzjoni

attriċi billi, preliminarjament, qal li din il-Qorti ma kellhiex ġurisdizzjoni tisma' l-kawża għall-finijiet tal-artikolu 741(b) tal-Kap 12 u l-artikolu 61 tal-Kap 16, minbarra li l-istess mertu qiegħed jiġi mistħarreġ fi proċeduri oħra pendenti quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja bejn l-istess partijiet. Fil-mertu, seħaq li l-attriċi ma jixirqilhiex tingħata l-kura u l-kustodja ta' binthom fl-interess suprem ta' l-istess binthom, u li jmissha terfa' r-responsabbilta' tagħha ta' ġenitur u tagħti s-sehem tagħha għall-manteniment tat-tifla;

Rat is-sentenza preliminari tagħha (diversament presjeduta) tas-17 ta' Marzu, 1999, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek, bl-ispejjeż kontrih;

Rat li, xi żmien wara l-għoti ta' dik is-sentenza, din il-Qorti (diversament presjeduta) ħatret espert psikjatra – Mr George Debono – biex ifittex u jirrelata dwar il-każ, fid-dawl ta' xiehda li kienet ingħatat waqt is-smigħ tat-23 ta' Ġunju, 1999;
Rat li sal-lum, ir-rapport baqa' ma tresaqx u lanqas il-proċess ma reġa' tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Qorti, minkejja bosta degrieti, wħud minnhom minn din il-Qorti kif presjeduta;

Rat il-verbal tas-smigħ tad-19 ta' Novembru, 2003, fejn l-avukat tal-attriċi iddikjara li l-minuri laħqet l-eta' maġġorenni;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-15 ta' Diċembru, 2003, li bih il-kawża għaddiet quddiem din il-Qorti kif presjeduta;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Ġunju, 2005, li bih ħalliet il-kawża *sine die*;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Ottubru, 2005, li bih reġgħet appuntat il-kawża għas-smigħ għall-24 ta' Novembru, 2005, wara li l-attriċi ressqet rikors f'dan is-sens fit-28 ta' Settembru, 2005;

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' Novembru, 2005, li bih ordnat lill-partijiet biex jerġgħu jirrikostruwixxu l-proċess;

Rat in-Nota mressqa mill-attriċi fit-13 ta' Jannar, 2006, b'għadd ta' atti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrek fis-16 ta' Jannar, 2006, b'għadd ta' atti mehmużin magħha;

Rat in-Nota ta' ċessjoni dwar it-talbiet fil-mertu mressqa mill-attriċi waqt is-smigħ tat-18 ta' Ottubru, 2006;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar il-kap tal-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Jannar, 2007, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjeż;

***Ikkunsidrat:***

Illi din kienet azzjoni biex l-attriċi tingħata l-kura u l-kustodja ta' bintha minuri minkejja li, b'kuntratt ta' firda personali, l-istess kura u kustodja kienu tħallew f'idejn l-imħarrek, żewġ l-attriċi u l-missier tal-minuri. It-tifla kienet twieldet fl-1985 u l-kuntratt tal-firda sar fi Frar tal-1993;

Illi f'Ottubru tal-2006, l-attriċi ċediet il-mertu tal-azzjoni iżda żammet sħiħa t-talba tagħha għall-ispejjeż. Iżda l-mertu tal-kawża kien waqa' minħabba li, fl-2003 (meta l-kawża kienet qegħda għaddejja minn differiment għal ieħor tistenna li jitressaq rapport mediku li baqa' ma tressaq qatt) il-minuri laħqet l-eta' maġġorenni;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar il-kap tal-ispejjeż;

Illi l-attriċi tgħid li l-kawża kellha ssir u kien ħtija tal-imħarrek li hija waslet biex kellha tiftaħha, minħabba li huwa ma ried bl-ebda mod jaċċetta l-fatt li t-tifla riedet tibqa' tgħix magħha, minkejja dak li kien miftiehem fil-kuntratt tal-firda;

Illi, min-naħa tiegħu, l-imħarrek jgħid li hu ma jista' bl-ebda mod jaħti għall-fatt li baqa' ma ntlaħaqx ftehim bejn il-partijiet u li ma ħallasx il-manteniment, u dan għaliex l-attriċi ma ħallietu qatt aktar jiltaqa' mat-tifla u għaliex kienet għamlitlu affarijiet li żammewh milli jibqa' jżomm l-impieg tiegħu (barra minn Malta). Huwa jgħid ukoll li ladarba l-attriċi ċediet il-mertu, hija marbuta li tħallas l-ispejjeż tal-kawża;

Illi dwar dan l-aħħar punt il-Qorti tqis li l-artikolu 906(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti l-jedd lil kull waħda mill-partijiet li, f'kull waqt tal-kawża sal-għoti tas-sentenza, tirrinunzja b'Nota għall-atti li hija tkun ressqet f'dik il-kawża. Il-liġi trid[1], madankollu, li meta jiġri hekk, il-parti li tirrinunzja għall-atti tħallas l-ispejjeż tal-kawża u ma tistax tibda kawża oħra dwar l-istess ħaġa qabel ma tkun ħallset dawk l-ispejjeż lill-parti l-oħra. Sakemm ir-rinunzja tkun waħda mingħajr kundizzjonijiet, il-parti l-oħra ma tistax tirrifjutaha[2]. Illi ċ-ċessjoni ta' kawża hija waħda mill-għamliet ta' rinunzja għall-atti[3], u tibda sseħħ hekk kif issir fil-forma li tippreskrivi l-liġi u, ladarba tkun saret, ma tistax titħassar jew tinġibed lura [4]minħabba li r-rinunzja toqtol – sal-estent tagħha – l-proċess[5];

Illi, madankollu, r-riżervi magħmula f'Nota ta' ċessjoni jew rinunzja (bħal, per eżempju, "biex l-esponenti jirregola ruħu aħjar" jew "bla preġudizzju għal kull azzjoni oħra spettanti lill-esponenti") ma jagħmlux tali rinunzja waħda kundizzjonata[6], u l-parti l-oħra ma tistax tirroftaha;

Illi ngħad li r-"*ratio*" ta' dan l-ordinament magħżul mil-liġi tagħna hu li hekk kif jiddependi mill-attur jistitwix il-ġudizzju jew le, hekk ukoll minnu stess jiddependi jekk iridx ikomplih jew iwaqqafu f'kull waqt tal-kawża[7];

---

[1] Art. 907(2) tal-Kap 12
[2] Art. 908 tal-Kap 12
[3] P.A. RCP **28.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Sebastian Brincat et vs Antonio Mifsud et***
[4] P.A. AM **23.1.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Kummissarju tal-Artijiet vs Paul Apap noe***
[5] P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***HSBC Bank (Malta) Limited vs Teg Industries Ltd.***
[6] App. Ċiv. **5.4.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Mirasole*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.137)**
[7] App. Ċiv. **8.5.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit et vs Aġius et*** (Kollez. Vol: **LI.i.584**)

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha l-attriċi ċediet il-mertu bla ebda riżerva. Ma kellhiex għażla, għaliex, sa dak inhar, minħabba li bintha kienet laħqet l-eta', l-mertu kien intemm minnu nnifsu bħalma ntemm l-interess ġuridiku li l-kawża tibqa' għaddejja. Il-Qorti tifhem li ċ-ċessjoni kienet pass tattiku li l-attriċi sewwa għamlet li nqdiet bih biex tnaqqas l-ispejjeż tal-kawża. Iżda l-attriċi żammet sħiħ il-kap tal-ispejjeż. Dan jitlob li l-Qorti tistħarreġ minn dak li hemm fl-atti jekk kemm-il darba l-prinċipji hawn fuq imfissra humiex sejrin jixxelfu billi l-attriċi teħles ukoll milli tbati l-ispejjeż tal-kawża[8];

Illi meta wieħed jara l-inkartament (billi l-proċess qatt ma tressaq sħiħ lanqas fir-rikostruzzjoni li l-partijiet intalbu jagħmlu), wieħed isib li ma hemmx raġunijiet biżżejjed biex ir-regola tal-artikolu 907(2) fuq imsemmija tinqaleb. L-attriċi ma jidhirx li ħabirket kif imiss biex il-kawża titmexxa 'l quddiem u titwassal għal tmiemha fi żmien tajjeb biżżejjed qabel ma l-minuri tilħaq issir tal-eta'. L-allegazzjonijiet tal-attriċi kienu miċħuda u kumbattuti mill-imħarrek bi provi u dokumentazzjoni li jitfgħu dell fuq kemm kienu mistħoqqa t-talbiet attriċi. U, fit-tielet lok, jirriżulta li l-istess attriċi kienet ukoll bdiet proċeduri oħrajn quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja li wkoll ħalliethom f'nofs leħja. Dawn il-fatturi ma jagħtux lill-Qorti raġuni tajba biex tordna li l-imħarrek imissu jħallas l-ispejjeż tal-kawża jew li tapplika r-regola tal-artikolu 223(3) tal-Kap 12;

Illi, minkejja dan kollu li ngħad, l-imħarrek xorta waħda jrid iħallas l-ispejjeż marbutin mal-ewwel eċċezzjoni tiegħu, u dan skond is-sentenza preliminari mogħtija fis-17 ta' Marzu, 1999;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni milli tqis aktar l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi** u dan billi l-mertu huwa eżawrit u wkoll fid-dawl tan-Nota ta' Ċessjoni mressqa mill-attriċi fit-18 ta' Ottubru, 2006;

---

[8] Art. 223 tal-Kap 12

**Tordna** li l-attriċi tħallas l-ispejjeż tal-kawża, ħlief dawk marbutin mas-sentenza preliminari tas-17 ta’ Marzu, 1999, li jħallashom l-imħarrek.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------